# VALLETTA - KBURIN BIK.



It-18 ta' Marzu 1571 huwa l-jum meta l-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San ġwann għażel li jwaqqaf r-residenza tiegħu u s-sede amministrattiva ta' l-ordni fil-Belt Valletta li l-fondazzjoni tagħha saret mill-Gran



Mastru La Vallette, ħames snin qabel, fit-28 ta' Marzu 1566.

Nistgħu ngħidu għalhekk li l-Belt Valletta ilha tilqa' nies biex jgħixu fiha bħala l-kapitali ta' Malta għal aktar minn erba' mitt sena.

Minn belt kapitali, mdawwra bis-swar biex tiddefendi lil niesha u t-twemmin nisrani tagħha, il-Belt Valletta saret waħda mill-ibliet l-aktar importanti u prestiġjużi tas-seklu tmintax u s-seklu dsatax.

Ma hemmx l-iċken dubju li waħda mill-akbar problemi fil-Belt hija dik tal-bankini u d-diffikulta' ta' l-aċċessibilita' minħabba t-tifrik u l-abbandun għal diversi snin. Il-Gvern ċentrali flimkien mal-Kunsill lokali ħass li kellu jindirizza din il-problema u joffri soluzzjoni lir-residenti u lil kull min jiġi fil-Belt Valletta. Ix-xogħol beda imma mhux biżżejjed dak li sar....

Problema oħra tal-Belt Valletta hija li diversi nies jagħmlu paraġun ma' bankini u toroq li saru f'lokalitajiet oħra. Dawn il-paraġuni jistgħu ikunu ġustifikati iżda l-problema tal-ippjanar li hawn fil-Belt li għandha aktar minn 443 sena għandhom ukoll jiġġustifikaw xi ftit id-dewmien tal-Gvern u anki tal-Kunsill fil-proġetti tagħhom.

Ħafna nies jgħidu li "fil-Belt ma sar xejn". Jien ngħid li fil-belt kapitali tagħna qatt m'huwa biżżejjed dak li tagħmel għaliex il-ħidma fil-Belt ma tieqaf qatt. Jien dejjem għamilt l-aħjar li stajt biex niddefendu l-Belt tagħna u biex naraw il-Belt Valletta timxi ċl quddiem u nibqa' nagħmel minn kollox biex il-belt tagħna tkun waħda mill-aktar bliet prestiġjuża u importanti fl-Ewropa.

*Valletta Kburin bik*




PAWLU
l-Ħaddied

Għal kull xogħol ta' ħadid, garigori, aperturi, eċċ
Hut 127, Ind. Estate Luqa
Tel: 21247893 Mob: 99426499




*Messaġġ mill-President ...*

# Ngħid Grazzi mill-qalbi

**Mr. Charlie Borg**




Offerta
Għall-Festa Santu Wistin
il-Belt Valletta
Parroċċa Santu Wistin, Triq il-Fran Valletta. VLT 09
Tel: 21238861/21245934


Din is-sena nixtieq nibda billi ngħid grazzi. Grazzi kbir lill-kumitat tal-festa tal-Patrun tal-Parroċċa tagħna Santu Wistin talli għoġbu jaħtarni bħala l-President tiegħu minflok Vince wara li dan talab biex jinħatar xi ħaddieħor floku.

Grazzi ngħid ukoll lil Vince tax-xogħol li wettaq kemm dam fil-kariga ta' President u nixtieq nuri hawn l-apprezzament tiegħi talli huwa ser ikompli fix-xogħol li ġie fdat lilu.

Bħala tkomplija fuq ix-xogħolijiet li kont semmejt fil-programm tas-sena l-oħra jiġifieri l-proġett tal-pavaljuni, nista' ngħid bi pjaċir li ordnajna sett ġdid ta' 14-il pavaljun għal triq San Ġwann li għal din is-sena jkunu lesti wħud minnhom skond il-ftehim li għandna. Fl-istess ħin ngħarraf li qed jitkompla x-xogħol fuq is-sett tal-bandalori.

Barra minn hekk, is-sur Jurgen Xerri, membru tal-kumitat tagħna tal-festa qed jirristawra l-pedistall tal-istatwa ta' Santu Wistin li tintrama quddiem il-knisja. Lilu wkoll nixtieq ngħid grazzi.

F'isem il-Kumitat tal-Festa u f'ismi nawgura lill-parruċċani kollha l-festi t-tajba. Jalla Santu Wistin ikompli jmexxina 'l quddiem fl-għaqda u l-imħabba.

***Charles Borg***
***President***

*MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT*

